TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur**
CCT 39/15/MS

**Theresa M. Ciarlo**

**vs**

**Rausi Group - HomeTrends.**

Illum 14ta' Settembru, 2015

It-Tribunal

Ra t-talba tas-16 ta' Frar 2015.

Ra r-risposta tad-9 ta' Marzu 2015.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra**

Illi qabel xejn, it-Tribunal ser jezamina l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' intimata rigwardanti n-nullita' tal-proceduri.

Illi s-socjeta' intimata qieghda tikkontendi illi peress illi hija nieqsa n-nota tad-Direttur Generali tal-Affarijiet tal-Konsumatur, allura l-procedura hija nulla.

Illi l-Kap 378 tal-ligijiet ta' Malta jghid testwalment hekk

23. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull regola magħmula skont l-artikolu 27 u skond id-disposizzjonijiet tas- subartikolu (2), arbitru jirregola l-proċedimenti quddiem tribunal bil-mod li jaħseb li jkun l-aktar xieraq għall-finijiet li tintagħmel ġustizzja, skont id-dettami tal-ġustizzja naturali.

1. Ebda proċediment quddiem tribunal ma jkun invalidu minħabba f'nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun mar-regoli.

1. (a) Qabel ma talba tiġi preżentata quddiem tribunal, dik il-parti li tkun ser tagħmel it-talba għandha l-ewwel tirreferi t-talba lid-Direttur Ġenerali jew lil xi għaqda ta' konsumaturi reġistrata li għandhom jippruvaw jwasslu lill-partijiet fi ftehim dwar il-kwistjonijiet li jkun hemm.

(b) Jekk ma jkunx intlaħaq ftehim dwar il-kwistjonijiet kollha fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta l-parti tkun irriferiet it-talba tagħha lid-Direttur Ġenerali jew lill-għaqda ta' konsumaturi reġistrata, skont il-każ, dik il-parti tista' mbagħad tressaq it-talba tagħha quddiem it-Tribunal.

Skond ir-regoli tat-Tribunal tal-Konsumatur, dwar kif ghandek taghmel talba, l-avviz legali 8 tal-1996, ighid hekk

3.1. Meta rikorrent jaghmel talba huwa ghandu jimla Avviz tat- Talba (Formola 1), skond id-direzzjonijiet moghtija fl-istess formola u jipprezentaha fir-Registru tat-Tribunal kompetenti. Ir-rikorrent ghandu flimkien ma' l-Avviz tat-Talba jipprezenta nota mid-Direttur ghall-Affarijiet tal-Konsumatur jew minn ghaqda ta' konsumaturi registrata, skond il-kaz, li fiha jigi dikjarat li t-talba tkun ingiebet quddiem id-Direttur jew quddiem l-ghaqda ta' konsumaturi registrata u li wara dan ma jkun intlahaq ebda ftehim dwar il-kwistjonijiet koncernati.

3.1.A. Talba tista' wkoll tigi pprezentata permezz ta' 'avviz ta' ricevuta' bil-posta registrata.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm ma gie pprezentat nota separata mid-Direttur ghall-Affarijiet tal-Kosumatur, jirrizulta illi meta r-rikorrenti imliet l-Avviz tat-Talba, ghamlet accenn ghall-fatt illi kienet rregistrat l-ilment taghha mal-Awtorita' tal-Konsumatur. Dan l-ilment baqa' mhux trattat minkejja l-fatt illi l-ligi tghidlek li ghandu jigi diskuss fi zmien himstax il gurnata (ara 4b fuq) - kwindi r-rikorrenti kellha kull dritt tagixxi dan it-Tribunal kif fil-fatt ghamlet.

Kif jidher mill-formola tal-avviz, fuq l-ewwel faccata hemm dikjarazzjoni tar-rikorrent illi hi ressqet l-ilment taghha quddiem lid-Direttur Generali (affarijiet Konsumatur)I li suppost kellu jipprova jsolvi din il-kwistjoni fi zmien 15 - il gurnata tax-xoghol. Flimkien mad-dikjarzzjoni hemm ukoll in-numru ta' referenza bid-data koncernata tal-file relattiv mal-ufficju tal-Affarijiet tal-Konsumatur. B'hekk ir-rikorrenti issodisfat id-dettam tal-ligi peress illi ma hemm xejn fl-avviz u l-formola illi jobbliga lir-rikorrenti jesebexxi wkoll in-nota tat-talba li jkun ghamel l-ufficju tal-Konsumatur.

Dan ipoggi r-rikorrenti in regola u ma hemm xejn null fl-avviz taghha. It-Tribunal, ghalhekk, wara li ra l-ligi u r-regoli fuq citati, qed jichad l-eccezzjoni preliminari imqajjma mis-socjeta' konvenuta u ha jghaddi issa ghall-mertu tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi fi ftit kliem din il-vertenza tikkoncerna zewg *hydraulic bar stools* illi r-rikorrenti xtrat mis-socjeta' konvenuta fis-7 ta' Ottubru 2014, ghall-prezz ta' mitejn u sebghin Euro (€270.00). Mill-provi jirrizulta li xi xahar wara li xtrathom, ir-rikorrenti ndunat illi dawn kienu xpakkaw u kienu difettuzi u ghalhekk riedet tbiddilhom. Xehed ukoll il-partner taghha Noel Scerri - li kien prezenti meta hi ndunat bil-hsara u li kien juzahom ukoll. Peress illi hu kien jaf lis-sur Rausi u kellu certa kunfidenza mieghu cempillu u ftehmu illi r-rikorrenti kellha ggib il-*bar stools* lura biex jarahom.

Meta r-rikorrenti marret ghand is-socjeta' konvenuta, ghall-ewwel ippruvaw jezimu ruhhom mir-responsabbilta u jsibu kull skuza biex ma jkunux responsabbi ghall-hsara. Pero wara accettaw illi jbiddlu t-tapizzerija. Ir-rikorrenti min-naha taghha dejjem insistiet maghhom illi jekk huma kienu

ser jbiddlu t-tapizzerija, ppretendiet illi kellhom ikunu tal-istess kwalita' u sengha illi kienu meta xtrathom godda. Min-naha tieghu, s-sur Scerri, minhabba l-hbiberija li kellu mas-sur Rausi, hassu naqra skomdu li ma jaccettax din il-proposta. Ghalhekk jidher illi ghar-rikorrenti, din il-proposta kienet wahda illi giet accettata kontra qalbha u meta hi marret biex tara l-banketti wara li gew ritapizzati u rat illi ma kienux tal-istess kwalita' bhal meta xtrathom originarjament, hi ma accettathomx u halliethom hemm. Ir-rikorrenti eventwalment giet infurmata illi tista' tiehu *credit note* minflok u taghzel xi banketti ohra, pero ma kien hemm xejn li kien joghgobha peress illi l-banketti li hi kienet ordnat originarjament kienu *out of stock*. Is-socjeta' konvenuta irrifjutat illi tirrifondi lura l-flus pero kienet disposta illi terga' tibghathom ghand it-tappizzar sabiex isiru mill-gdid. Meta gew lura, ir-rikorrenti ndunat li ghat-tieni darba ma kienux maghmula skond l-arti u s-sengha u ghalhekk regghet irrifjutathom. Is-socjeta' konvenuta infurmat lir-rikorrenti illi jekk l-istess socjeta' jirnexxilha tbieghhom kienet disposta taghti lir-rikorrent il-flus lura. Pero dawn baqa ma nbieghux u ghalhekk ir-rikorrenti baqghet minghajr il-flus.

Illi xehdet ukoll Rachel Templeman li hija *l-Customer Care representative* tas-socjeta' konvenuta illi qalet illi hi kienet avzat lir-rikorrenti illi ma kellhomx banketti bhal dawk illi kienet xtrat lir-rikorrenti. Xehdet ukoll illi l-proposta tas-sur Rausi ma kenitx xi haga tas-soltu ghaliex kienet ibbazata esklussivament fuq hbiberija personali li kellu mas-sur Scerri. u normalment is-socjeta' konvenuta ma kenitx taccetta illi l-*bar stools* jigu tapizzati mill-gdid. Qalet ukoll illi dak li gara kien *normal wear and tear* illi ma jaqax taht il-garanzija. Skond ix-xhud, affarijiet illi jaqghu taht il-garanzija huma affarijiet mekkanici bhal '*hydraulic system*'. Qalet ukoll illi hi kienet aggixiet bhala l-*go-between* u kienet hi li uriet l-banketti lis-sur Rausi biex umbaghad cemplet lir-rikorrenti biex tavzaha illi kienu ser jigu tapizzati mill-gdid. Ikkonfermat illi r-rikorrenti kienet qalet illi jekk l-banketti ma jigux perfetti ma kenitx ser taccettahom. Ikkonfermat ukoll illi r-rikorrenti rrifjutat illi taccetta l-banketti wara illi dawn gew ritapizzati ghall-ewwel darba u li l-kumpanija accetat li terga' taghmilhom mill-gdid. Xehdet ukoll fis-sens illi kienet qaltilha li jekk ma kenitx kuntenta bihom, setghet taghzel banketti ohra ghaliex kellhom xi 25 mudell iehor. Effettivament meta r-rikorrent marret it-tieni darba is-sinjura Templeman ma kenitx hemm izda kienet hemm it-tielet darba meta giet biex tara l-mudelli l-ohra.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita illi jara l-ibanketti illi gew ezebiti fil-kors tal-proceduri. Is-socjeta' konvenuta ghamlitha cara illi l-offerta taghha tal-*credit note* ghadha miftuha. Ir-rikorrenti pero, insistiet illi hi kienet disposta biss taccetta l-*credit note* kemm il-darba l-banketi illi hi ordnat kienu *in stock*. Fil-mori tal-kawza u a*d insaputa* tar-rikorrenti, is-siggijiet gew ritapizzati ghat-tielet darba, pero' hawn ukoll ir-rikorrenti ma kenitx sodisfatta biex xoghol illi sar.

**Ikkunsidra**

Illi jibda biex jinghad illi meta klijent jixtri oggett il-garanzija statutorja tkopri l-oggett kollu u mhux parti minnu. Naturalment, il-venditur huwa liberu li jzid fuq din il-garanzija b'termini aktar favorevoli ghal kompratur. Pero' zgur illi ma jistax inaqqas minn dak illi taghti l-ligi. Il-banketta kellha tkun koperta bil-garanzija, mhux biss, ghal parti mekkanika, imma ghal parti manifatturali kollha, inkluz it-tapezzerija illi kien mistenni illi dina tkun mahduma skond l-arti u s-sengha biex tiflah ghall-uzu illi jkun intenzjonat li jsir minnha. *Bar stools* kif ighid isimhom stess huma intenzjnati illi jifilhu certa strapazz u ghalhekk ikunu mahdumua b'aktar attenzjoni u sahha minn banketti ohra. Mhuwiex mistenni illi banketta bhal din tmurilha il-hjata wara biss xahar. Dan huwa

sinjal li l-*mano d'opera* ma sarx skond l-arti u s-sengha. Avolja vizzibilment kienu sbieh, ma jfissirx illi b'daqshekk, kienu tajbin biex jintuzaw bhala tali. It-Tribunal ra illi r-rikorrenti u l-*partner* taghha huma koppja ta' certa eta', minghajr tfal illi zgur ma jkunux ser jimmaltrattaw oggett illi jkunu ghadhom kemm xtraw. Ghalhekk huwa ovvju illi dawn il-banketti kienu affetti minn difett serju fil-manifattura illi ghandha taghmel tajjeb il-garanzija statutorja. Mhuwiex kaz ta' hbiberija o meno. Dana huwa kaz ta' nuqqas serju da parti tas-socjeta' konvenuta li pprovdiet oggett illi ma kienx manifatturat tajjeb.

Is-socjeta' konvenuta ma kellha ebda obbligu illi toqghod taghmel it-tapizzerija mill-gdid ghal tlett darbiet u lanqas illi toffri li tbieghhom ghan-nom tar-rikorrenti! L-obbligu taghha kien biss illi jew tbiddel il-banketti ma ohrajn bhalhom jew inkella taghti l-flus lura (illi f'dan il-kaz kien jigihom hafna orhos!). Dan it-Tribunal ma jistax jacetta *policy* bhal ma sfortunatament hafna kumpaniji f'Malta jkollhom, illi ma jaghtux flus lura jekk ikun hemm bzonn. Meta kumpanija ma tkunx f'posizzjoni illi tissodisfa l-bzonnijiet ta' klijent b'oggett li jkun xtara minghandha ma tistax tinheba mir-responsabbilta' b'offerta generika ta' *credit note*, iktar u iktar meta l-oggett ma jkunx *'in stock'*.
Ir-rikorrenti allura, peress illi kellha kull dritt tigi rijimpjazzata b'banketti identici ghal dawk li xtrat u peress illi s-socjeta' konvenuta ma setghetx toffrilha dan, allura kellha ttiha l-flus lura. Hekk xtaqet ir-rikorrenti u mhux illi joqghod jinbidel it-tappizzerija bir-riskju illi dan ma jigix perfett.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal ha nota tal-argument tal-abbli PL difensur li argumeta illi dawn it-tip ta' banketti kollha jkunu affetti minn dan id-difett minhabba l-maltrattament li jkollhom bit-tisbit tal-banketta mal-bank tal-mejda. Bir-rispett dan it-Tribunal ma jaqbilx ma dan l-argument. L-ewwel nett il-ghaliex ma saret ebda prova ta' dan u t-tieni peress illi t-Tribunal huwa koncernat biss f'dan il-kaz u mhux kazijiet ohra illi ghal dan it-Tribunal jibqghu biss kazijiet iptotetici. Bar stools, kif ighid isimhom, ghandhom ikunu maghmulin u jifilhu ghal certu tisbit tal-banketta mal-bank tal-mejda - jekk le, mhumiex tajbin ghall-uzu.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandu jaqta u jiddeciedi li jilqa' it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u sebghin Euro (€270.00), bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta. Peress illi il-banketti baqghu ghand is-socjeta' konvenuta dawna ghandhom jibghu ghandha in pjena propjeta'.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**